REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 540/2009

tat-22 ta' Ġunju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1450/2004 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' statistika Komunitarja dwar l-innovazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004 tat-13 ta' Awwissu 2004 li jimplimenta id-Deċiżjoni Nru 1608/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' statistika Komunitarja dwar l-innovazzjoni [2] jipprovdi dettalji tal-istatistika mitluba, it-tqassim indikattiv tagħhom, il-perjodiċità, it-tempestività u r-rakkommandazzjonijiet metodoloġiċi biex tkun prodotta dejta Komunitarja armonizzata.

(2) Hu meħtieġ li jkunu emendati u aġġornati miżuri għall-monitoraġġ ta' attivitajiet ta' innovazzjoni biex jirrispondu għall-ħtiġijiet li qed jikbru u jevolvu b'ħeffa fil-qasam tal-ambjent.

(3) Hu meħtieġ li jitnaqqas il-piż fuq il-kummerċ waqt li jkun żgurat li l-informazzjoni miġbura hija ta' kwalità tajba u tissodisfa l-ħtiġijiet tal-informazzjoni.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Programmi Statistiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Taqsima 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004 hija emendata kif ġej:

(1) Fil-Kodiċi 7, l-entrata dwar it-titlu hija sostitwita b'dan li ġej:

"Numru ta' intrapriżi ta' innovazzjoni attiva li indikaw objettivi ta' importanza kbira ta' innovazzjoni";

(2) Fil-Kodiċi 9, dan li ġej huwa miżjud fl-entrata dwar il-kummenti:

"— mhux obbligatorju għas-sena kalendarja 2008".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 230, 16.9.2003, p. 1.
[2] ĠU L 267, 14.8.2004, p. 32.